MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 748/2001
Kawza Numru. 13

**Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Alan Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alan Grima ta' 18-il sena, bin Anthony u Anna nee' Borg, imwieled Pieta' fis-26 ta' Dicembru 1983 u residenti fi Blokk 8, Flat 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rinella, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 115783(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F' dawn il-gzejjer fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga 'heroin' ghal-uzu personali tieghu u ghamel uzu minnha ghall-

istess uzu personal bi ksur tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul dawn l-ahhar xhur, fl-inhawi ta' Tas-Sliema u Hal-Kirkop, b' diversi atti maghmula minnu u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ikkommetta is-sussegwenti serqiet;-

1. F' Tas-Sliema, fid-19 ta' Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Clarion minn go vettura Honda numru tar-registrazzjoni TFD-398 ghad-detriment ta' sidha Hector Spiteri liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, mezz u ammont;

2. F' Tas-Sliema, fis-27 ta' Ottubru, 2001 ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JBC 514 ghad-detriment ta' sidha Carolyn Galea, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-mezz;

3. F' Tas-Sliema, fil-31 ta' Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Pajero bin-numru tar-registrazzjoni MAB 777 ghad-detriment ta' sidha Mariella Azzopardi, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u ammont;

4. F' Tas-Sliema, fis-6 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LOU-068 ghad-detriment ta' sidha Louise Formosa, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, ammont u hin;

5. F' Tas-Sliema, fis-6 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo u oggetti ohra minn go vettura Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni AAC-569 ghad-detriment ta' sidha Jason Lauri, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

6. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fl-20 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni JAE 672 ghad-detriment ta' sidha Dorianne Abela, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

7. F' Tas-Sliema, fl-20 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo min go vettura Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni BBJ-348 ghad-detriment ta' sidha Joseph Debono, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

8. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fil-24 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo u affarijiet ohra minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAT-682 ghad-detriment ta' sidha Yvonne Ghio, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

9. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fil-25 ta' Novembru, 2001 ikkommetta serq ta' ghaxar liri minn go vettura Citroen bin-numru tar-registrazzjoni JUR 777 ghad-detriment ta' sidha Sharon Jurkovic, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-mezz;

10. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fis-27 ta' Novembru 2001, ikkommetta serq ta' stereo u affarijiet ohra minn go vettura Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni KAV-192 ghad-detriment ta' sidha Jacqueline Falzon, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u ammont;

11. F' Tas-Sliema, fis-27 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni LCC-924 ghad-detriment ta' sidha Jennifer Fenech, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, u ammont;

12. F' Bormla, fl-24 ta' Novembru 2001, ikkommetta serq ta' vettura Triumph herald bin-numru tar-

registrazzjoni JAL-119 ghad-detriment ta' sidha Joseph Busuttil, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, u ammont;

3. Fis-27 ta' Novembru 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, fl-inhawi ta' Tas-Sliema, Hal-Kirkop u Bormla b' diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe l-vetturi TFD-398, JBC-514, MAB-777, LOU-068, AAC-569, JAE-672, BBJ-348, CAT-682, JUR-777, KAV-192, LCC-924, JAL119, AND-977 ghad-detriment ta' sidhom, liema hsara teccedi il-hamsin liri Maltin izda mhux aktar minn hames mitt liri Maltin.

4. Fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul il-granet ta' qabel saq vettura JAL-119, meta ma kellux licenzja ta' sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u minghajr polza tas-sigurta' ghar-riskji kontra terzi persuni.

5. Kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilu fil-21 ta' April, 1999 (Magt. Dr. M. Hayman LL.D), fil-5 ta' Frar, 2001 (Magt. Dr. Scerri Herrera LLD) u fil-5 ta' Novembru, 2001 (Magt Dr. N. Cuschieri LLD).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Novembru 2001 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti u l-ordni tal-Avukat Generali esebit a fol. 17 tal-process u mahrug ai temini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti tieghu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2001 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz

tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet  tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda diversi serqiet ta’ stereos u anki serq ta’ vettura li saru fuq perijodu qasir ta’ zmien bejn id-19 ta’ Ottubru 2001 u s-27 ta’ Novembru 2001 minn Tas-Sliema, Hal-Kirkop u Bormla kif ukoll pussess ghall-uzu personali tas-sustanza erojina da parti tal-imputat. Il-fatti li taw lok ghal dan i-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fix-xahar ta’ Novembru 2001 il-Pulizija tad-Distrett taz-Zurrieq bdiet tinvestiga sensiela ta serqiet li kienu qed isiru minn vetturi f’car park fi Triq l-Industrija, Hal-Kirkop u fil-fatt fit-28 ta’ Novembru 2001 il-Pulizija giet infurmata li kien hemm persuna suspettuza qed thuf fl-imsemmija lokalita’ u meta l-Pulizija marret fuq il-post arrestat lill-imputat li kellu fil-pussess tieghu pliers, turnavit u cavetta li gew esebiti in atti u mmarkati bhal Dok. WS3. Meta l-imputat ittiehed l-ghassa ghal aktar investigazzjonijiet huwa stqarr mal-Pulizija li kellu problema ta’ abbuz mid-droga u indika lil Pulizija huwa stess diversi serqiet li kien wettaq minn vetturi f’dawk l-ahhar zminijiet. Huwa beda’ jigi muri rapporti individwali ta’ diversi serqiet irrapurtati lil Pulizija f’dawk iz-zminijiet u huwa stess beda’ jindika lil Pulizija liema kienu dawk is-serqiet li gew effetwati minnu. Id-dettalji tas-serqiet jinsabu indikati fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u esebita a fol. 15 u 16 tal-process kif ukoll fl-okkorrenzi individwali dwar dawn is-serqiet li jinsabu esebiti a fol. 21 u 22 tal-processs. Dakinhar li gie arrestat l-imputat kien fil-pussess ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAL 119 li ammetta mal-Pulizija u fl-istqarrija minnu rilaxxjata li kien seraq erbat ijiem qabel minn Bormla u f’din il-vettura nstab pakkett citric acid, siringa uzata u parti minn bott u l-imputat qal lil Pulizija li kien utilizza dawn l-oggetti sabiex jabbuza mid-droga.

Ikkunsidrat:

Illi t-tnax il-akkuza ta' serq migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li fl-istqarrija tieghu li saret referenza ghaliha aktar il-fuq kien huwa stess li indika lil Pulizija li kien wettaq dawn is-serqiet u inoltre in kwantu jirrigwarda s-serq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAL 119 liema serq sar fl-24 ta' Novembru 2001 minn Bormla, din il-vettura instabet fil-pussess tal-imputat fil-mument li huwa gie arrestat u inoltre huwa stess ammetta mal-Pulizija li kien wettaq din is-serqa kif jirrizulta mill-istess stqarrija. Il-Pulizija inoltre resqet il-prova li effettivament kienu gew imwettqa l-imsemmija serqiet billi esebiet l-okkorrenzi relattivi u resqet ukoll il-prova tal-hsara volontarja li saret waqt dawn is-serqiet billi tellghat bhala xhieda il-propjetarji tal-vetturi in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li it-tieni akkuza rigwardanti it-tnax-il serqa kif ukoll it-tielet akkuza rigwardanti il-hsara volontarja kagunata fil-vetturi misruqa migjuba fil-konfronti tal-imputat gew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat b'pussess tad-droga erojina ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-akkuza lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li ma ngabet l-ebda prova li fit-28 ta' Novembru 2001 l-imputat kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina. Mill-provi irrizulta biss li fil-vettura li kien qed juza l-imputat dakinhar li gie arrestat instabu pakkett citric acid, siringa uzata u parti minn bott izda ma nstabitx xi sustanza li wara rrizulta li kienet erojina. Huwa minnu li l-oggetti li nstabu fil-vettura huma oggetti li huma konnessi mat-tehid tad-droga izda huwa wkoll minnu li l-vettura li nstabu fiha dawn l-oggetti ma kienitx propjeta' tal-imputat u inoltre fl-istqarrija minnu rilaxxjata bl-ebda mod l-imputat ma jammetti li dakinhar tat-28 ta' Novembru 2001 huwa kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina. L-imputat sejjer ghalhekk jigi lliberat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba' akkuza l-imputat jinsab akkuzat tallli fit-28 ta' Novembru 2001 huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAL 119 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar dan u l-Qorti sejra ghalhekk tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-hames akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 moghtija fil-21 ta' April 1999, fil-5 ta' Frar 2001 u fil-5 ta' Novembru 2001. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet kopji tas-sentenzi relattivi u saret id-debita prova tal-identita' u l-imputat qieghed ghalhekk jigi misjub hati tal-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u fil-fatt kien huwa stess li indika lil Pulizija is-serqiet li kien wettaq, ikunsidrat ukoll il-fatt li fil-mument li l-imputat wettaq ir-reati li taghhom qed jinstab hati huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva akar vicin il-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 263, 267, 271, 270, 278 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 l-Qorti issib lill-imputat hati tat-tieni(2), t-tielet(3) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti inoltre qed tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti mmarkati bhala WS3 kif ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala Dok. WS4 liema oggetti lkoll gew esebiti mill-Ispettur Walter Spiteri waqt l-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2001 u liema

distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------